MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/09

It-Tnejn 30 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

5.4 Attitivatjiet tal-Milied 2024;

5.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

5.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

5.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin ta` filgħaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 04/9 nem con.

05.3.13 Saret referenza għal proġett Rights fejn bi qbil ma' Grupp Żgħażagħ Gudja ser tkun qed tintuża Dar iż-Żgħażagħ biex isir launch tal-proġett nhar l-Erbgħa 10 ta' Ottubru 2024. Grupp żgħażagħ talbu sabiex isir tindif meħtieġ mill-Kunsill u agreement biex bejn iż-żewġ partijiet.

05.3.14 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li huwa flimkien mall-kunsilliera C. Chetcuti u l-Assistant Prinċipal intaqgħu mall-Kap tal-Iskola ta' St. Joan Antide. Il-Kunsilliera C. Chetcuti infurmat lil dawk preżenti li sala tal-iskola hija mikrija kuljum u allura mhux ser ikun possibli li tintuża mill-Kunsill. Il-Kap tal-Iskola talbet sabiex il-Kunsill jista' jassisti meta tkun ser isir attivita' barra mill-iskola permezz ta' uffiċjali tal-LESA jew pulizija. Is-Sindku qal li kien diġa' tkellem mall-Community Policing biex jassistu f'dawn l-attivitajiet.

05.3.15 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien issotometta l-applikazzjoni tal-Premju Anjzanita' Attiva.

05.3.16 Preżentata kwotazzjoni tar-restawr tar-raġġieri tan-nicca tal-Madonna taċ-Ċintura li tammonta għal 383Euro fejn din ġiet approva minn dawk preżenti. Din ser isir wara li sar ir-restawr fuq din l-istess nicċa.

05.3.17 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mis-Sur Lia sabiex il-Kunsill jgħin finanzarjament fil-11 – il Edizzjoni tal-Malta International Organ Festival. Dwar dan il-Kunsill propona biex jistaqsi x'inhuma l-ispejjeż.

05.3.18 Ġiet preżentata l-skema SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi, fejn is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japplika biex isir manutenjzoni mad-dawra ta' Wesgħa Anġlu Dalli. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir ukoll dawl adekwat.

05.3.19 Preżentata korrispondenza dwar xogħlijiet li l-Kunsill jista' jitlob lill-Public Works biex isiru minn naħa tal-istess Dipartiment. Wara diskussjoni l-Kunsill approva li japplika sabiex isir xogħol fuq ċnut wara l-ground tal-football, ħitan f'Dawret il-Gudja, ħajt ġdid fi Triq il-Lewż, ħajt ġdid fi Triq Joseph Gravina, ħajt fi Triq William Baker u bankina fi Triq William Baker.

05.3.20 Is-Sindku għamel referenza għall-skema Vjal Kulħadd, fejn il-Kunsill approva li japplika għal proġett ta' fejn il-Palazz peress li diġa għandu d-dokumenti kollha lesti u f'każ li l-proġett jintgħażel isir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti skont kif stipulat fil-linji gwida tal-applikazzjoni.

05.3.21 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova l-proġett ta' fejn l-ajaruport, liema proġett jikkonsisti f'parkeġġ taħt l-art u fuq isir ġnien. Il-Kunsill approva li l-perit tal-Kunsill iressaq dan il-proġett ma' Project Green u li ssir preżentazzjoni mill-istess perit lill-membri tal-Kunsill.

05.3.22 Preżentata l-kwotazzjoni bies isir iż-żbir tas-siġar fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Il-kwotazzjoni tammonta għal 1,400Euro. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

05.3.23 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-proġett tal-Erasmus + (Key Action 152 – Mobility of young people) ma ġiex aċċettat minn naħa tal-EUPA.

05.3.24 Is-Sindku għamel referenza għal applikazzjoni li hemm mall-PA dwar binja ġdida fi Triq Bettina. Il-Kunsill qabel li jerġa' jissotmetti l-oġezzjoni tiegħu għal dan l-iżvilupp.

**05.4 Attivitajiet tal-Milied;**

Is-Sindku għamel referenza għad-dawl tal-Milied li jsir mill-għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku propona sabiex it-tizjin isir mill-bidu ta' Triq R.Caruana. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**05.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

05.5.1 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal xi żjut fit-toroq pavimentati fil-pjazza. Is-Sindku qal li dwar dan diġa kellem lill-pulizija.

05.5.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir dawl ġdid fi Vjal it-Torri naħa tas-service road għal fatt li ż-żona hija mudlama. Is-Sur Caruana propona li jsir dawl bis-solar panels.

05.5.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex ir-road hump ta' Triq il-Fidwa tinqala' għax qed ikun hemm ħafna ilmenti dwar l-istorbju li qed tagħmel. Dwar dan kien hemm qbil biex dik tinqala'.

**05.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
e. **Proġett tal-Pjazza – progress**
f. **Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**05.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 004/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M.Micallef u ssekondata mill-Kunsillier S.Caruana għall-ammont totali ta' €28,132.58 u ġiet approvata nem con.

**05.8** Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 28 ta' Ottubru 2024

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv